# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 5 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 457 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 18**

**WS**

**Vs**

**CS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' WS datat 19 ta' Settembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi r-rikrorent izzewweg lil CS nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija tmienja u disghin (1998) liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru wiehed, tnejn, zero, tnejn zbarra elf disa mija tmienja u disghin (1202/1998) – certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok 'A'****.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied,* ***JS*** *li twieled f' X u* ***JMS*** *li twieled f'Y.*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Annalisa Caruana tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), kopja awtentika tal-istess qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok 'B'****.*

*Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-manteniment kif mifthiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom dejjem thallas u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment.*

*Illi ghaldaqstant ir-rikorrent jissodisfa r-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju.*

*Illi r-rkorrent jixtieq jixtieq jiddivorzja u li z-zwieg tieghu jigi mahlul.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn ir-rikorrent WS u CS u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht  kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-intimata xehdet** viva voce nhar is-17 ta' Marzu 2025 **(a fol 32 et seqq.)** illi il-kontendenti izzewgu nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija tmienja u disghin (1998). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, illum maggorenni. Xehdet illi il-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar is- sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-atti tan-Nutar Dr Annalisa Caruana.  Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-attur** xehed (vide affidavit **a fol 36 et seqq.**) u kkonferma u korrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) liema zwieg jgib certifikat numru 1202/1998 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Annalisa Caruana nhar is-17 ta' Ottubru 2019 (Vide Dok B fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1202/1998 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**